IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.1.2014
SWD(2014) 18 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li tikkonċerna l-istabbiliment u t-tħaddim ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE

{COM(2014) 20 final}
{SWD(2014) 17 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li tikkonċerna l-istabbiliment u t-tħaddim ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Fil-bidu tat-tielet perjodu ta' negozjar (2013-2020), is-Sistema tal-UE għan-Negozjar tal-Emissjonijiet (ETS) kienet ikkaratterizzata minn surplus kbir ta' madwar 2 biljun kwota.[1] Matul is-snin li ġejjin, dan is-surplus huwa mistenni li jikber u jilħaq aktar minn 2.6 biljun kwota sal-2020, biex imbagħad jonqos b'mod gradwali għal madwar 2.1 biljun sal-2028 (xenarju ta' referenza[2]).

L-iżbilanċ attwali fl-EU ETS huwa dovut primarjament għall-kriżi ekonomika u influss kbir ta' krediti internazzjonali fi tmiem il-fażi 2 fid-dawl tar-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti krediti introdotti fil-fażi 3. Hemm diskrepanza bejn il-provvista tal-irkant tal-kwoti tal-emissjonijiet, li hija stabbilita b'mod strett ħafna, u d-domanda għalihom, li hija flessibbli u tiġi affettwata miċ-ċikli ekonomiċi, mill-prezzijiet tal-karburanti fossili kif ukoll minn politiki kumplimentari li jagħtu tnaqqis.

Għalkemm f'sistema ta' limitu u skambju, bħall-EU ETS, l-objettiv ambjentali miftiehem espress mil-limitu, li jillimita l-emissjonijiet totali għal perjodu partikolari, huwa ggarantit, l-objettiv ta' kosteffiċjenza espress fil-kost totali huwa wkoll ta' importanza ewlenija. Il-preżenza ta' surplus kbir hija problema billi mistennija timblokka l-UE b'kapital u investiment ta' livelli għoljin ta' karbonju. Dan inaqqas l-effiċjenza dinamika tal-eżitu bbażat fuq is-suq u b'hekk iżid il-kostijiet globali meta kkunsidrat fi żmien medju sa twil li huma rilevanti għall-isfida tat-tibdil fil-klima.

Bħala miżura għal żmien qasir, biex jittaffew l-effetti ta' din il-problema fil-kuntest ta' żbilanċji temporanji addizzjonali kkawżati minn bidliet regolatorji marbuta mat-tranżizzjoni għall-fażi 3, il-Kummissjoni pproponiet li tittrasferixxi l-irkantar ta' 900 miljun kwota fil-bidu tal-fażi 3. It-trasferiment irċieva opinjoni favorevoli mill-Istati Membri fil-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima fil-proċess ta' komitoloġija. Filwaqt li l-miżura issa tinsab taħt l-iskrutinju tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-Valutazzjoni tal-Impatt tieħu t-trasferiment bħala fatt. It-trasferiment u l-miżuri kkunsidrati f'din il-Valutazzjoni tal-Impatt isegwu objettivi kumplimentari.

---

1 Is-surplus huwa ddefinit bħala d-differenza bejn l-ammont kumulattiv tal-kwoti disponibbli għall-konformità fi tmiem sena partikolari, u l-ammont kumulattiv tal-kwoti li ntużaw b'mod effettiv għall-konformità mal-emissjonijiet sa sena partikolari.

2 Ix-xenarju ta' referenza jassumi l-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki eżistenti, inkluża l-kisba tal-miri tal-enerġija rinnovabbli u tat-tnaqqis ta' gassijiet serra għall-2020 u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika. Ix-xenarju ta' bażi jassumi biss politiki diġà implimentati, u ma jilħaqx il-miri kollha fl-Istati Membri kollha, pereżempju l-miri tas-sorsi ta' enerġija rinnoavabbli. Fix-xenarju ta' bażi, is-surplus huwa mistenni li jibqa' ta' 2 biljuni fl-2020.

Madankollu, kif diġà ġie enfasizzat fir-Rapport dwar l-Istat tas-Suq Ewropew tal-Karbonju fl-2012 (Rapport dwar is-Suq tal-Karbonju)[3], it-trasferiment iwassal għal irkupru fis-surplus fl-2019 u l-2020 u b'hekk ma jaffettwax id-daqs medju tas-surplus ta' aktar minn 1.8 biljun kwota fil-fażi 3, li jilħaq 2.6 biljun kwota fl-2020 (ara l-Figura **1**). Huwa s-surplus *strutturali* (u s-soluzzjonijiet għall-indirizzar tiegħu b'mod sostenibbli) li huwa l-fokus ta' din il-Valutazzjoni tal-Impatt.

Figura 1**: Profil storiku u previżjoni tal-profil futur tal-provvista u d-domanda sal-2028 bit-trasferiment**



2. Objettiv

L-objettiv operattiv huwa li tiġi żgurata l-effiċjenza intertemporali[4] tas-suq tal-karbonju fi żmien qasir u lil hinn f'kuntest ta' suq ikkaratterizzat minn irkantar fuq skala kbira, filwaqt li titqies il-ħtieġa għas-sempliċità u l-prevedibbiltà. Għalhekk jinħtieġ li jiġi indirizzat is-surplus strutturali, li mistenni jibqa' fis-seħħ, anki b'miżuri possibbli oħra wara l-2020 fil-kuntest tal-qafas tal-2030 (jiġifieri r-reviżjoni tal-fattur ta' tnaqqis lineari, l-użu ta' krediti internazzjonali, l-estensjoni tal-ambitu). Jinħtieġ ukoll li tiżdied ir-reżiljenza tal-EU ETS fid-dawl ta' avvenimenti fuq skala kbira li jistgħu jfixklu sew il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda.

3. Għażliet

F'Novembru 2012, il-Kummissjoni stabbilixxiet lista mhux eżawrjenti ta' sitt għażliet għal miżuri strutturali fir-Rapport dwar is-Suq tal-Karbonju. Il-valutazzjoni tal-impatt dwar il-qafas tal-klima u l-enerġija tal-2030 tinkludi valutazzjoni ġenerali tal-impatti ta' dawk l-għażliet li realistakment ma għandhomx il-potenzjal li jreġġgħu lura l-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda fi żmien qasir, iżda jkollhom biss impatt fil-kuntest tal-qafas tal-2030 (reviżjoni bikrija tal-fattur ta' tnaqqis lineari, estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS għal setturi oħra u l-użu tal-aċċess għal krediti internazzjonali). L-għażla taż-żieda fil-mira hija

---

3 COM(2012) 652

4 F'dan il-kuntest ta' swieq tal-karbonju, dan jirreferi għall-bilanċ ottimali bejn is-sinjal tal-prezz tal-karbonju u l-investiment b'livelli baxxi ta' karbonju li huwa meħtieġ issa, u dawk li ser ikunu meħtieġa fil-futur.

eskluża mill-fokus tal-valutazzjoni tal-impatt tal-2030 abbażi tar-rispons tal-partijiet interessati. Matul il-konsultazzjoni pubblika dwar il-miżuri strutturali, ħarġet għażla addizzjonali - li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' riżerva biex il-provvista tal-irkant tal-kwoti tal-emissjonijiet tkun aktar flessibbli.

Tabella 1: Paragun tal-għażliet mir-Rapport dwar is-Suq tal-Karbonju

	Opinjoni tal-partijiet interessati*	Effettività potenzjali fit-titjib tal-funzjonament tas-suq Ewropew tal-karbonju fil-fażi 3
a) Fl-2020 tiżdied il-mira ta' tnaqqis tal-UE għal 30 %	Appoġġ limitat ħafna	Mhux il-fokus tal-valutazzjoni Kienet tkun akkumpanjata bi tnaqqis fil-provvista tal-irkant fuq il-fażi 3 b'madwar 1.4 biljun kwota. Dan jista' jkollu l-potenzjal li jtejjeb il-funzjonament tas-suq f'terminu ta' żmien qasir Il-previżjonijiet tal-emissjonijiet ta' referenza għall-2020 iġà joqorbu ħafna lejn il-livelli assoċjati mal-mira ta' tnaqqis ta' 30 %. Dan ifisser li filwaqt li l-UE tista' ma tkunx lesta li żżid il-mira tagħha għal 30 %, il-kisba sħiħa ta' miri miftiehma oħra tista' tnaqqas l-emissjonijiet fl-UE sal-livell konformi ma' dak li kien ikun meħtieġ biex jintlaħaq pass 'il quddiem għal mira ta' 30 %
b) L-irtirar ta' għadd ta' kwoti fil-fażi 3	Appoġġ medju	L-irtirar ta' numru ta' kwoti f'fażi bikrija għandu l-potenzjal li joħloq skarsezza u jtejjeb il-funzjonament tas-suq fi żmien qasir
c) Reviżjoni bikrija tal-fattur ta' tnaqqis lineari annwali	Appoġġ medju	Potenzjal limitat biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq fi żmien qasir Iżda mistennija jkollha impatt pożittiv fi żmien medju sa twil
d) Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS għal setturi oħra	Appoġġ limitat (għall-fażi 3)	Potenzjal limitat biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq fi żmien qasir Il-valutazzjoni tal-isfidi amministrattivi u l-potenzjal li jittejjeb il-funzjonament tas-suq mill-fażi 4 'il quddiem teħtieġ li tiġi investigata aktar Iżda benefiċċji potenzjali oħra, eż. f'termini ta' inċentivi newtrali għat-teknoloġija fis-setturi kollha
e) Jintuża l-aċċess għall-krediti internazzjonali	Appoġġ limitat (għall-fażi 3)	Potenzjal limitat ħafna biex jittejjeb b'mod suffiċjenti l-funzjonament tas-suq fi żmien qasir Biċ-ċediment aggregat tal-krediti internazzjonali diġà ntuża aktar minn żewġ terzi tal-ammont permess sal-2020
f) Mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-prezz diskrezzjonarji	Appoġġ limitat ħafna għal mekkaniżmu ffukat fuq il-prezz	Mhux il-fokus tal-valutazzjoni L-EU ETS huwa strument ibbażat fuq il-volum u mhux il-prezz
Għażla addizzjonali	Appoġġ medju għal mekkaniżmu ffukat fuq provvista (tal-irkant) biex jiġi indirizzat l-iżbilanċ	Potenzjal biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq fi żmien qasir L-aktar mekkaniżmu utli u sempliċi huwa mistenni li jkun riżerva tal-kwoti

	tas-suq	

Għaldaqstant, il-fokus ta' dan il-valutazzjoni huwa fuq it-tliet għażliet, u diversi subgħażliet, li realistikament jistgħu jiġu implimentati, u li diġà jirkupraw l-funzjomanent ordinarju tal-EU ETS fi żmien qasir:

- Għażla 1: L-irtirar ta' numru ta' kwoti fil-fażi 3;
- Għażla 2: Provvista tal-irkant aktar flessibbli fil-forma ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq (għażla addizzjonali li tibni fuq varjant tal-għażla tal-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-prezz diskrezzjonarji mir-Rapport dwar is-Suq tal-Karbonju).
- Għażla 3: It-tlaqqigħ ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq mal-irtirar ta' għadd ta' kwoti fil-fażi 3

3.1. Subgħażliet għal irtirar permanenti

Għall-iskop ta' din il-valutazzjoni, u fid-dawl tas-surplus attwali u l-evoluzzjoni mistennija tiegħu, jiġi stabbilit limitu superjuri akbar ta' 1400 miljun kwota fuq l-għadd ta' kwoti rtirati.

Ovvjament, jista' jkun hemm ammonti oħra ta' kwoti rtirati. Bħala analiżi tas-sensittività, hija vvalutata subgħażla oħra b'ammont aktar baxx ta' 500 miljun kwota (għażla 1b).

3.2. Subgħażliet għal riżerva tal-istabbiltà tas-suq

Fil-prinċipju, riżerva tal-istabbiltà tas-suq, taħdem billi:

- Iżżid il-kwoti mar-riżerva billi tnaqqashom mill-volumi tal-irkant futuri bil-għan li tnaqqas l-instabbiltà tas-suq minħabba surplus temporanju kbir fl-EU ETS;
- Il-ħruġ ta' kwoti mir-riżerva u ż-żieda tagħhom mal-volumi tal-irkant tal-futur, bil-għan li titnaqqas l-instabbiltà tas-suq minħabba defiċit temporanju kbir fl-EU ETS.

Riżerva tal-istabbiltà tas-suq, bħala mekkaniżmu bbażat fuq ir-regoli, tibdel biss l-għażla taż-żmien tal-volumi ta' rkant. Ma taffettwax il-livell jew l-għażla taż-żmien tal-allokazzjoni ħielsa. Barra minn hekk, tkun "newtrali għal-limitu" u ma twassalx għal bidla fil-livell ta' ambizzjoni ambjentali.

Abbażi tal-valutazzjoni li ssir minn qabel tad-diversi aspetti tad-disinn, ħafna subgħażliet relatati mal-fatturi deċiżivi sabiex jiżdiedu jew jinħarġu l-kwoti mir-riserva (xkattaturi) kif ukoll id-daqs tal-aġġustament jiġu vvalutati f'termini tal-impatt fuq l-iżbilanċ tas-suq. Ikun possibbli wkoll it-tlaqqigħ ta' elementi oħra.

Tabella 2: Subgħażliet għal riżerva tal-istabbiltà tas-suq

Deskrizzjoni	Għażla	Xkattatur	Ammont tal-aġġustament
Faxxa dejqa relattiva u mhux limitata	2a	Bilanc favorevoli totali barra l-40-50 % tal-limitu	Distanza mill-faxxa/mhux limitata
Faxxa dejqa relattiva u limitata	2b	Bilanc favorevoli totali barra l-40-50 % tal-limitu	Limitu ta' 100 miljun kwota

Faxxa wiesgħa assoluta u mhux limitata	2c	Surplus totali barra l-400-1000 miljun kwota	Distanza mill-faxxa/mhux limitata
Faxxa wiesgħa assoluta u limitata	2d	Surplus totali barra l-400-1000 miljun kwota	10 % tas-surplus/pagament kumulattiv ta' 100 miljun kwota
Bidla annwali u mhux limitata	2e	Bidla annwali fis-surplus >100 miljun kwota	Bidla mhux limitata/fis-surplus ta' aktar minn 100 miljun kwota
Bidla annwali u limitata	2f	Bidla annwali fis-surplus >100 miljun kwota	50 % tal-bidla fis-surplus 'l fuq minn 100 miljun kwota
PDG	2g	Tbassir tat-tkabbir tal-PDG bi 2-3 % aktar	Pagamenti ta' 200 miljun kwota

Il-biċċa l-kbira tas-subgħażliet jiffukaw fuq xkattaturi bbażati fuq is-surplus. Għandhom il-benefiċċju importanti li jkunu responsabbli għall-impatt ta' politiki kumplimentari, bħall-miżuri dwar is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Meta wieħed iqis l-opinjonijiet tal-partijiet interessati dwar l-importanza li tinżamm in-natura tal-EU ETS bħala strument ibbażat fuq il-kwantità, fejn is-sinjal tal-prezz tal-karbonju mhuwiex stabbilit minn dawk li jfasslu l-politika iżda żvelat mis-suq, l-ixkattaturi bbażati fuq il-prezz mhumiex fil-fokus ta' din il-valutazzjoni.

L-ewwel sett ta' subgħażliet jiffoka fuq xkattaturi bbażati fuq is-surplus (għażliet 2a-2f), fir-rigward tas-surpluskumulattiv jew tal-bidla fis-surplus. Il-mekkaniżmu jkollu l-għan li jżomm is-surplus fi ħdan medda (faxxa) fil-mira li tkun definita minn qabel. Peress li l-opinjonijiet dwar il-valuri ottimali tal-ixkattaturi għadhom mhumiex konklużivi, jintgħażlu livelli differenti tal-faxxa ta' surplus b'tali mod li ssir analiżi tas-sensittività f'termini tal-impatti differenti tal-livelli u l-wisgħat tal-faxxa. B'mod ġenerali, jiġu vvalutati żewġ varjanti, wieħed fejn ikun hemm xi tip ta' salvagwardja biex jiġu evitati bidliet kbar fil-provvista tal-irkant (jew fil-forma ta' limitu fuq id-daqs tal-aġġustament jew l-aġġustament iddefinit bħala persentaġġ tal-bilanċ kumulattiv), u wieħed b'aġġustamenti illimitati.

Għażla minnhom tħares lejn riżerva bi xkattatur estern ibbażat fuq l-indikaturi, b'mod aktar speċifiku abbażi tat-tbassir tat-tkabbir tal-PDG ippubblikat fit-Tbassir Ekonomiku Ewropew - edizzjonijiet tal-ħarifa. Peress li l-faxxa mhijiex espressa b'mod dirett fil-kwoti ta' emissjonijiet, l-ixkattaturi esterni bbażati fuq l-indikaturi fi kwalunkwe każ jeħtieġu pass addizzjonali li jiġi ddeterminat l-ammont ta' kwoti mqiegħda / maħruġa mir-riżerva. Fid-dawl tad-diffikultajiet biex ir-relazzjoni bejn l-unità tat-tkabbir tal-PDG tiġi tradotta b'mod preċiż f'numru ta' kwoti, l-ixkattatur indikatur ibbażat esternament jiġi vvalutat biss f'kombinazzjoni mal-ammonti ta' aġġustament iddeterminati minn qabel ta' 200 miljun kwota.

3.3. Subgħażliet għat-tlaqqigħ ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq mal-irtirar permanenti

Biex jiġi ffaċilitat il-paragun għall-parti tal-irtirar permanenti, jintuża l-istess ammont bħal fl-għażla ta' biljun sa 500 miljun kwota. Fir-rigward tad-disinn tal-parti tar-riżerva tal-istabbiltà

tas-suq, hija bbażata fuq l-għażla (għażliet) ċentrali li tidher mill-valutazzjoni minn qabel tas-subgħażliet differenti ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq, jiġifieri waħda mingħajr faxxa wiesgħa assoluta u l-aġġustament annwali li jqiegħed il-kwoti fir-riżerva ddefinita bħala sehem mis-surplus kumulattiv.

4. ANALIŻI TAL-IMPATTI

4.1. Bilanċ tas-suq

Jiġi vvalutat jekk l-għażliet tal-irtirar permanenti u r-riżerva tal-istabbilta tas-suq jindirizzawx il-problema eżistenti tal-iżbilanc kbir tas-suq. Fil-każ tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq, jiġi vvalutat ukoll, permezz tad-dejta tal-fażi 2 (2008-2012), jekk id-diversi għażliet kinux jevitaw il-problema kieku kienu diġà implimentanti fil-fażi 2.

Irtirar permanenti:

- L-irtirar permanenti kbir (għażla 1a) mistenni jnaqqas l-iżbilanċ tas-suq kmieni, mingħajr l-irkupru fis-surplus aktar tard fil-fażi 3. Dan jidher li huwa aktar konsistenti mal-objettiv ta' effiċjenza intertemporali milli l-għażla bażi 0.
- It-tnaqqis tal-ammont ta' rtirar permanenti għal 500 miljun kwota (għażla 1b) jikkorrispondi għal tnaqqis fl-impatt ta' stabbilizzazzjoni tal-miżura, bi rkupru fis-surplus aktar tard fil-fażi 3, b'titjib aktar limitat fl-effiċjenza intertemporali minn irtirar kbir.

Riżerva tal-istabbiltà tas-suq:

- Hemm differenza bejn l-abbiltà ta' diversi subgħażliet biex jiġi evitat surplus kbir mill-akkumulazzjoni u biex jiġi indirizzat ladarba jkun diġà nbena (ara **Error! Reference source not found.**). Ċerti subgħażliet kienu jevitaw il-problema bi grad differenti minn oħrajn. Madankollu, is-subgħażliet kollha huma mistennija li jindirizzaw il-problema, għalkemm b'rati differenti.
- L-ixkattaturi bbażati fuq is-surplus huma aktar effiċjenti minn dawk ibbażati fuq il-PDG biex jaqbdu l-bidliet fid-domanda mhux biss minħabba l-bidliet makroekonomiċi, iżda wkoll minħabba fatturi oħra li jistgħu jaffettwaw id-domanda, bħall-impatt tal-politiki kumplimentari. Daw saħansitra jaqbdu aħjar il-fatturi tan-naħa tal-provvista bħall-bidliet fl-influss tal-krediti internazzjonali.
- Meta wieħed iqabbel l-ixkattaturi differenti bbażati fuq il-surplus, dawk ibbażati fuq surplus kumulattiv huma mistennija li jaħdmu aħjar minn dawk ibbażati fuq il-bidliet annwali fis-surplus fis-sitwazzjoni fejn il-bilanċ tas-suq ikun diġà ttejjeb permezz tat-trasferiment. Filwaqt li l-ixkattaturi bbażati fuq il-bidliet fil-bilanċ jistgħu jkunu aktar effettivi biex jevitaw żbilanċ fis-suq, ma jwasslux għal tnaqqis ulterjuri fis-surplus wara li s-suq ma jibqax f'bilanċ.
- L-ixkattaturi bbażati fuq is-surplus b'faxxa assoluta jiksbu punteġġ aħjar fir-rigward tas-sempliċità. Barra minn hekk, faxxa relattiva li tiċkien f'konformità mal-limitu li jkun qiegħed jonqos, tista' tmur ħażin jekk ix-xejra fil-ħtiġijiet ta' hedging ikunu żdiedu.
- Faxxa usa' mistennija twassal għal ammonti u frekwenza aktar baxxi ta' aġġustamenti kif ukoll varjabbiltà aktar baxxa fil-volumi tal-irkant. B'kuntrast, hemm aktar probabbiltà li faxxa aktar ristretta twassal għal numru akbar ta' interventi u fiż-żewġ direzzjonijiet, jiġifieri numru ta' aġġustamenti li jqiegħdu kwoti

fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq li għandhom jiġu segwiti biss mill-ħruġ ta' dawk il-kwoti wara dan.

- L-aġġustamenti limitati, jew b'limitu espliċitu fuq l-ammont tal-aġġustament jew iddeterminati bħala ċerta perċentwali tas-surplus kumulattiv, jiksbu punteġġ aħjar f'termini ta' prevedibbiltà. Iwasslu wkoll għal kontinwazzjoni f'termini ta' rkanti, u bidliet gradwali kemm fis-surplus kif ukoll fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq. Madankollu, aġġustamenti illimitati jiksbu punteġġ aħjar f'termini ta' flessibbiltà fl-indirizzar ta' varjazzjonijiet kbar u mgħaġġla fil-bilanċ tas-suq u ġeneralment ireġġgħu lura l-bilanċ tas-suq aktar malajr. Madankollu, f'sitwazzjonijiet b'surplus kbir, kif is-suq huwa mistenni li jesperjenza sa tmiem il-fażi 3, dawn jistgħu jwasslu biex ma jkun hemm l-ebda provvista tal-irkant li tkun ġejja mis-suq għal diversi snin.

Figura 2: Evoluzzjoni tas-surplus taħt diversi subgħażliet għal irtirar permanenti u riżerva tal-istabbiltà tas-suq jekk tkun implimetanta fil-fażi 4



Biex jiġi ffaċiltat il-paragun, mhux l-għażliet kollha għal riżerva tal-istabbiltà tas-suq jiġu kkunsidrati għal analiżi ulterjuri. Meta wieħed iqis it-tlaqqigħ tal-kriterji, huwa propost li jittieħdu l-għażla 2d (bl-ixkattaturi tal-volum, b'medda ta' surplus assolut wiesgħa bejn 400 u 1000 miljun kwota u l-aġġustament annwali li jqiegħed il-kwoti f'riżerva ddefinita bħala 10 % tas-surplus kumulattiv) peress li l-għażla ċentrali għar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għandha tiġi vvalutata f'termini ta' impatti ħlief fuq il-bilanċ tas-suq u meta mqabbel mal-għażliet ta' rtirar permanenti. Din l-għażla għandha vantaġġ importanti f'termini ta' sempliċità. Filwaqt li jista' jkun li ma tindirizzax b'mod sħiħ l-iżbilanċ tas-suq fil-fażi 3, tibda tagħmel dan fil-bidu tal-fażi 4.

Din is-subgħażla tifforma wkoll il-parti tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-għażla ta' **tlaqqigħ ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq ma' rtirar permanenti**:

- Filwaqt li l-għażla twassal għal irkupru fis-surplus fi tmiem il-fażi 3, din fil-fatt tnaqqsu meta mqabbel mal-għażla bażi 0. Tkompli tnaqqas ukoll b'mod gradwali s-surplus fil-fażi 4. Tidher li hija aktar konsistenti mal-objettiv ta' effiċjenza intertemporali milli l-għażla bażi 0.

4.2. Impatt potenzjali fuq il-formazzjoni tal-prezz tal-karbonju

F'sitwazzjoni mingħajr miżuri strutturali u trasferimenti, il-prezz tal-karbonju fix-xenarju ta' referenza użat għall-valutazzjoni tal-impatt tal-qafas tal-politika tal-klima u l-enerġija għall-2030 huwa mistenni li jkun EUR 5 fl-2015 u EUR 10 fl-2020, filwaqt li huwa previst li s-surplus ta' kwoti jkompli jikber għal aktar minn 2.5 biljun kwota fl-2020 u jonqos biss gradwalment minn hemm 'il quddiem. Bl-implimentazzjoni tat-trasferiment ta' 900 miljun kwota (għażla ta' bażi 0) fil-fażi 3, il-prezzijiet fil-prinċipju ma għandhomx jiżdiedu b'mod sinifikanti 'l fuq minn dawn il-projezzjonijiet, jekk is-surplus li jifdal fil-perjodu rilevanti jkun kbir biżżejjed.

F'termini ta' rtirar kbir (għażla 1a), l-impatt fuq il-prezz tal-karbonju jkun tal-anqas simili għat-trasferiment fl-ewwel snin tal-fażi 3, iżda mingħajr l-irkupru tal-prezz mill-2019 'il quddiem. Jekk bl-irtirar permanenti is-surplus previst naqas biss sa ċertu punt limitat biss, b'500 miljun kwota (għażla 1b), l-impatti fuq il-prezzijiet mistennija jkunu limitati bl-istess mod.

Il-prezzijiet jistgħu jiżdiedu meta tinbeda riżerva tal-istabbiltà tas-suq. Ladarba tkun fis-seħħ u s-suq ikun aktar ibbilanċjat, il-prezzijiet għandhom ikunu ddettati b'mod aktar qawwi mil-limitu fi żmien medju u twil li jkun qiegħed jonqos. Meta l-kwoti jiġu rilaxxati mir-riżerva, il-prezzijiet jistgħu jonqsu f'termini relattivi. Għaldaqstant, kwalunkwe riżerva li tnaqqas is-surplus għal livell li jappoġġa l-funzjonament ordinarju tas-suq tal-karbonju aktarx li tappoġġa t-tranżizzjoni għal emissjonijiet aktar baxxi, anki fil-każ ta' ambizzjoni ogħla fl-EU ETS fil-kuntest tal-qafas tal-2030. Għalhekk din mistennija li tnaqqas ir-riskju ta' ftit wisq investiment b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għal żmien qasir li jżid l-ispejjeż fi żmien medju u twil. Madankollu, valutazzjoni dettaljata tad-daqs annwali tal-impatti fuq il-prezz ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq ma tistax issir għal numru ta' raġunijiet[5].

Il-prezzijiet mistennija jiżdiedu f'termini relattivi lejn it-tmiem tal-fażi 3 minħabba effett ta' tlaqqigħ tar-riżerva tal-istabbiltà tal-prezz ikkumplimentat mal-irtirar permanenti ta' 500 miljun kwota. Għalhekk, dan mistenni jipprovdi aktar appoġġ milli kien jiġi pprovdut bl-irtirar permanenti tal-istess ammont biss (għażla 1b). X'aktarx ukoll li jkollu impatt akbar minn dak li jkollha riżerva tal-istabbiltà tas-suq simili biss (eż. għażla 2d). Madankollu, l-għażla tirriżulta f'xi rkupru tas-surplus fi tmiem il-fażi 3 u għalhekk ikollha anqas impatt fuq il-prezz mill-irtirar permanenti kbir (għażla 1a).

4.3. Impatti fuq il-kompetittività

Jekk fi żmien qasir l-EU ETS ma tiġix imsaħħa, dan ikollu impatti fuq medda ta' żmien twil fuq il-kompetittività tal-UE. Is-sinjal dgħajjef u mhux rappreżentattiv tal-prezz tal-karbonju li pprovdiet l-EU ETS dan l-aħħar u li jista' jibqa' f'livell pjuttost baxx fil-fażi 4, ikollu effett avvers fuq l-investiment u l-innovazzjoni tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju. Iwassal ukoll għal politika tal-enerġija u l-klima tal-UE diżintegrata, u suq intern dejjem aktar ifframmentat. Aktar ma jkun b'saħħtu s-sinjal tal-prezz tal-karbonju fi żmien qasir, aktar dawn il-konsegwenzi għandhom ikunu negattivi.

F'termini ta' kostijiet diretti possibbli fi żmien qasir għas-setturi intensivi fl-enerġija meqjusa li huma esposti għal riskju ta' rilaxx ta' karbonju, għandu jiġi nnotat li d-dejta tal-emissjonijiet ivverifikata għall-fażi 2, turi b'mod aggregat surplus ta' kwoti ħielsa fir-rigward tal-emissjonijiet rrapportati mis-setturi industrijali (eskluż is-settur tal-enerġija) ta' aktar minn

5 Għal aktar informazzjoni ara l-kapitolu 4.1 tal-valutazzjoni tal-impatt dwar it-trasferiment: http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/cap/auctioning/docs/swd_2012_xx2_en.pdf

34 % jew madwar 895 miljun kwota[6]. Din hija stima għall-industrija kollha kemm hi, ovvjament b'varjazzjonijiet potenzjali bejn is-setturi u l-installazzjonijiet. Jekk l-emissjonijiet fil-fażi 3 kienu simili għal dawk f'xi sena tal-fażi 2, ħlief għall-2008, allura l-allokazzjoni ħielsa kontinwata xorta mistennija tirriżulta f'surplus matul il-fażi 3 filwaqt li jitqies is-surplus eżistenti mill-fażi 2.

Jekk l-emissjonijiet kienu simili bħall-2005 jew l-2008, allura l-allokazzjoni ħielsa kontinwata, flimkien mas-surplus eżistenti ma tkunx suffiċjenti biex tkopri l-ħtiġijiet industrijali kollha, li jkollhom bżonn jiġu parzjalment koperti billi jinxtraw kwoti żejda fis-suq. F'dan il-każ, l-industrija tista' tiltaqa' ma' żieda fl-ispiża fil-fażi 3 minħabba miżura strutturali għall-kwoti ta' xiri.

Fir-rigward taż-żidiet possibbli fi żmien qasir fl-ispiża tal-elettriku minħabba l-EU ETS (spiża indiretta) kull żieda ta' EUR 1 fil-prezz tal-karbonju tista' bħala medja ssarraf f'żieda ta' 0.8 % meta mqabbel mal-prezz attwali għall-industrija[7]. Dawn il-figuri ma jqisux l-ispiża ttrasferita aktar baxxa li hija mistennija fl-Istati Membri li japplikaw id-deroga li tippermetti l-allokazzjoni ħielsa għall-immodernizzar tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, jew l-importanza dejjem tonqos tal-impjanti bbażati fuq il-karburanti fossili fl-iffissar tal-prezzijiet minħabba prezz tal-karbonju b'saħħtu.

4.4. Impatti soċjali

Żieda ta' EUR 1 fil-prezz tal-karbonju tista' bħala medja ssarraf f'żieda ta' 0.5 % meta mqabbel mal-prezz attwali għad-djar[8]. Il-politiki ta' dekarbonizzazzjoni jnaqqsu wkoll l-emissjonijiet tal-$PM_{2.5}$, l-SO_2 u l-NO_x. Permezz ta' sinjal ta' prezz tal-karbonju aktar stabbli, is-suq tal-karbonju jista' jkollu impatti pożittivi fuq is-saħħa fi żmien qasir billi jtejjeb il-kwalità tal-arja billi jinkoraġġixxi tibdil tal-fjuwil mill-faħam għall-gass u fi żmien medju u twil billi jiskoraġġixxi l-finanzjament ta' faċilitajiet ġodda tal-faħam. Id-dħul mill-irkanti jista' jiżdied u jista' jintuża biex itaffi l-impatti soċjali avversi. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-2030 turi li meta d-dħul mill-irkant jiġi rriċiklat u jekk l-ipprezzar tal-karbonju jiġi estiż għas-setturi kollha, il-politiki ta' dekarbonizzazzjoni jistgħu jwasslu għal żieda fl-impjiegi ta' 0.2 % jew 430.000 impjieg nett maħluqa sal-2030. Aktar ma l-impatt fuq is-sinjal tal-prezz tal-karbonju jkun għoli, aktar dawn l-impatti huma mistennija li jkunu għoljin.

4.5. Impatti ambjentali

L-impatt ambjentali tal-EU ETS f'termini ta' emissjonijiet fis-setturi koperti matul ċertu perjodu ta' żmien huwa ddeterminat mil-limitu. Peress li l-għażliet li jfissru rtirar permanenti (1a, 1b, 3a u 3b) jinvolvu bidla fil-limitu għall-fażi 3, dawn għandhom impatti aktar pożittivi f'termini ta' tnaqqis fl-emissjonijiet milli l-għażliet tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq.

---

6 Xi parti minn dan is-surplus jaf diġà jkun inbiegħ mill-industrija, f'liema każ il-valur ta' dawn il-kwoti għall-industrija ma jintilifx iżda jieħu l-forma ta' flus. Id-dejta tinkludi l-installazzjonijiet wieqfa kollha rrapportati fir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EUTL) li ma għandhomx "kombustjoni" bħala l-kodiċi ta' attività tagħhom.

7 Li jvarjaw minn 0.4 %-1.7 % fil-livell tal-Istati Membri. Abbażi tal-medja sempliċi taż-żidiet għall-Istati Membri tal-UE, b'hekk mhux il-medja ponderata.

8 Li jvarjaw minn 0.2 %-1.3 % fil-livell tal-Istati Membri. Abbażi tal-medja sempliċi taż-żidiet għall-Istati Membri tal-UE, b'hekk mhux il-medja ponderata.